# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2873

**Kaz Numru 3840/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**AB**

**u**

**BC**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Ilum l-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2022

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, permezz ta' lment ipprezentat mill-Avukat Dottor Andrew Grima ghan-nom tar-rikorrenti, AB, fir-Registru Superjuri, fit-18 ta' Mejju 2020. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li t-tkeccija taghha kienet ingusta, u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjenti fil-ligi.

L-istess rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeccija taghha kienet tkeccija ngusta da parti tas-socejta` ntimata u li jordna dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtiha l-ligi nkluz l-impozizzjoni ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, rribattiet billi pprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz, ipprezentata minn CD, il-Kap Ufficjal Esekuttiv (CEO) tas-socjeta` ntimata, fis-6 ta' Lulju 2020. F'din id-Dikjarazzjoni tal-Kaz tressqu r-ragunijiet il-ghaliex ir-rikorrenti giet itterminata mill-impjieg, fejn gie ddikjarat li r-rikorrenti kienet imdejjqa, nieqsa u li ma tistax twettaq il-kompiti taghha b'mod efficjenti. In oltre, gew ipprezentati sett ta' tmien (8) dokumenti mill-istess rapprezentanta tas-socjeta` konvenuta.

Illi in oltre, s-socjeta` ntimata wara li kienet inkargat lil Dottor Mario Demarco sabiex jirraprezentaha f'din il-kwistjoni ta' xoghol, l-istess socjeta` ntimata ma ghamlitx aktar kuntatt mall-imsemmi avukat. In oltre, l-istess avukat, flimkien mall-avukat, Dottoressa Ana Thomas, permezz ta' nota pprezentata fir-registru fl-24 ta' Mejju 2021 infurmaw lil dan it-Tribunal bir-rinunzja tal-patrocinju tas-socjeta` ntimata.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm sitt (6) seduti b'kollox fejn xehdet ir-rikorrenti, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati.

Di piu', giet ipprezentata nota ta' sottomissjonjiet mill-konsulent legali tar-rikorrenti, u stante li s-s-socjeta` ntimata ma pprezentat l-ebda atti ohra, dan it-Tribunal seta' biss jiehu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi, u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, minhabba talbiet ta' differimenti mill-istess partijiet, u kif ukoll minhabba l-pandemija tal-COVID19.

Illi, r-rikorrenti, AB kienet assistita mill-Avukat, Dottor Andrew Grima, mentri s-socjeta` ntimata, BC kienet assistita, u dan sakemm damu jippatroncinjaw l-istess socjeta`, l-Avukat Dottor Mario Demarco u kif ukoll l-Avukatessa, Dottoressa Ana Thomas.

**Il-Fatti fil-Qosor ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol**

Ir-rikorrenti, AB kienet giet impjegata s-socjeta` ntimata bhala HR Manager and Office Manager fuq bazi full-time u b'kuntratt indefinit fid-19 t'Ottubru 2018. Dan jirrizulta mill-kuntratt ta' mpjieg u li gie esebit mill-istess rikorrenti, u li hu mmarkat bhala Dok. 'SJM1'. In oltre kienet ukoll saret emenda ghall-isemmi kuntratt permezz ta' ftehim datat 15 ta' Dicembru 2019, u li wkoll esebit u mmarkat bhala Dok. 'SJM2'[1].

Is-socjeta` ntimata sakemm kienet ghadha attiva f'din il-kwistjoni tax-xoghol sostniet li kienu nzammu xi laqghat mar-rikorrenti fejn iddiskutew l-impjieg tar-rikorrenti, u dan stante l-prestazzjonijiet hziena tar-rikorrenti. Dan kollu kien halla mpatt negattiv, kif allegatament sostniet ir-rapprezentanata tas-socjeta` ntimata, kemm fuq is-socjeta` ntimata u kif ukoll fuq il-kollegi tar-rikorrenti[2].

Is-socjeta` ntimata sostniet ukoll li r-rikorrenti ma kinietx kapaci takkwista biljett specjali ghall-impjegat li kien jibqa' wara l-hin sabiex ikollu parkegg li kien jippermettilu jzomm il-vettura fl-ispazju riservat ghal daqshekk. Ir-rikorrenti hliet erbat ijiem tibghat emails dwar din is-sitwazzjoni.

In oltre, kienu saru xi skambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet dwar il-kundizzjonijiet tat-terminazzjoni tar-rikorrenti, fejn din talbet xahrejn salarju, u kif ukoll ittra ta' referenza li tirrifletti rispons posittiv fuq l-istess rikorrenti[3].

Mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata kienet lesta li thallas xahrejn salarju u kif ukoll l-ittra ta' referenza b'rispons posittiv. In oltre, s-socjeta` ntimata kienet ukoll lesta li thallas ir-rimanenti granet ta' leave u kif ukoll il-bonus kollha pro rata dovut lir-rikorrenti. Dan kien, da parti tal-

---

[1] Dok. 'SJM1' u Dok. 'SJM2' esebiti mar-rikors promutur tar-rikorrenti.
[2] Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta ntimata, pagna 1 tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz.
[3] Ibid, pagna 2 tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz.

intimata kien se jsir b'sens ta' bona fides, u kif ukoll stante li s-socjeta` ntimata kienet tkun trid tara li kemm l-ex impjegati u dawk kurrenti jkunu mharsa sew. Da parti tar-rikorrenti, sostniet l-intimata, din kienet irrispondiet fejn talbet li tinbidel l-ahhar gurnata ta' mpjieg, u bidla fir-raguni tat-terminazzjoni, ossia li minn terminazzjoni reciproka ghal tigi rizenja[4].

Fid-9 ta' Marzu, s-sinjura CD (CEO), li kienet il-persuna li kienet qieghda tikkorrispondi mar-rikorrenti, qablet ma dak li pproponiet ir-rikorrenti. In oltre, offriet ukoll li tkellem lill-principal prospettiv taghha u dan biex tipprovdi kull rakkomandazzjoni mehtiega jekk ikun hemm il-bzonn. Wara li kien ghadda kwazi xahar, u li f'dan ix-xahar ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda kuntatt mas-socejta` ntimata, fl-24 ta' Marzu r-rikorrenti baghtet ittra fejn talbet id-doppju ta' dak mitlub u li gia kien hemm qbil fuqu. F'din l-ittra r-rikorrenti kienet qieghda titlob erba' (4) xhur salarju[5].

In oltre, fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha s-socjeta` ntimata tirrileva li r-rikorrenti ppruvat ukoll tirrikattaha billi riedet li jigi emendat il-ftehim tat-terminazzjoni reciproku (*Mutual Termination Agreement - MTA*) u dan billi jinbidel ghal *Termination Employment Agreement*. In oltre, r-rikorrenti riedet li fuq il-formula tal-Jobs Plus bhala raguni titnizzel li gie ssensjata (*redundancy*)[6].

Ir-rikorrenti riedet ukoll li tinbidel id-data tat-terminazzjoni tal-ftehim tal-impjieg (*Termination of Employment Agreement*) ghas-27 ta' Marzu 2020. Ir-rikorrenti riedet li jsir dan kollu sabiex tkun elegibbli ghall-beneficcju li l-Gvern Malti kien hareg minhabba l-pandemija tal-COVID 19. Is-socjeta` ntimata tishaq li r-rikorrenti riedet l-assitenza taghha sabiex tkun tista' tiffroda l-Gvern Malti, xi haga li s-socjeta` ntimata ma accettatx li taghmel.

In oltre, kif gia sar accenn, ir-rikorrenti heddedt lis-socjeta` ntimata li jekk ma jsirux dawn it-tibdiliet, is-socjeta` ntimata kienet se ssofri minn penali kbar peress li t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet giet irraportata b'mod tardiv.

Is-socjeta` ntimata ghamlet minn kollox sabiex tipprova ssib soluzzjoni amikevoli u kif ukoll stenniet risposta minghand ir-rikorrenti. In oltre, l-istess rikorrenti kienet ilha ma tirraporta ghax-xoghol mis-27 ta' Frar 2020, ossia mill-laqgha li kienet inzammet. Kien propju ghalhekk, sostniet is-socjeta` ntimata fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, li l-impjieg tar-rikorrenti kellu jigi tterminat, u dan tramite tkeccija kif hemm rapportat fil-formula tal-JobsPlus[7].

Is-socjeta` ntimata tirrileva li r-rikorrenti ntavolat din il-kwistjoni ta' xoghol in *male fede,* u dan ghax is-socjeta` ntimata ma assistitx lir-rikorrenti fl-allegat tentattiv ta' frodi li r-rikorrenti kellha hsieb li taghmel sabiex tibbenfika mill-beneficcji moghtija mill-Gvern ta' Malta minhabba l-pandemija tal-COVID 19.

---

[4] Vide Exhibit Dok. 'GNP1'.
[5] Vide Dok. 'GNP3'.
[6] Vide Dok. 'GNP5'.
[7] Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, pagna 4.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija s-socjeta` ntimata ssotni li dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrenti, u li in oltre, t-terminazzjoni tar-rikorrenti mill-impjieg kienet fil-31 ta' Marzu 2020 jew alternattivament fis-27 ta' Frar 2020[8].

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti, AB, u li kienet impjegata mas-socjeta` ntimata, BC, intavolat din il-kwistjoni ta'xoghol fejn qieghda titlob lil dan it-Tribunal li jiddikjara t-tkeccija taghha bhala ngusta u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjenti fil-ligi. Di piu', r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal sabiex konsegwentement jordna dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-ligi, u dan inkluz l-impozizzjoni ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet f'din il-kwistjoni ta' xoghol, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-partijiet kienu lesti li jaslu ghal xi forma ta' qbil bejniethom, u dan kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata. Illi kif gia sar accenn aktar 'l fuq, ghalkemm dan it-Tribunal mhux se jiehu in konsiderazzjoni z-zewg affidavits prezentanti, u dan peress li ma setax isir il-kontro-ezami taghhom, mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara li ssir gustizzja ma' kullhadd.

In oltre, u dan kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, is-socjeta` ntimata abbandunat dawn il-proceduri u l-istess rapprezentati legali taghha, permezz ta' nota rrinunzjaw ghall-patrocinju. Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol fuq l-atti relevanti ghal din il-kwistjoni ta' xoghol.

Illi l-bidu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol beda bil-laqgha tas-27 ta' Frar 2020, fejn il-partijiet iltaqghu sabiex jigi diskuss l-operat tar-rikorrenti, u li skont is-socjeta` ntimata ma kienx soddisfacenti. In oltre, mid-dokumenti pprezentati mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, ossia l-*emails* skambjati bejn ir-rikorrenti u CD, il-Kap Ufficjal Esekuttiv (CEO) tas-socjeta` ntimata, jidher li kien hemm xi forma ta' qbil dwar dak li kellha tircievi r-rikorrenti.

Minn dawn l-*emails* jirrizulta li s-socjeta` ntimata kienet disposta li taghti xi haga aktar minn dak li talbet ir-rikorrenti, ossia max-xahrejn salarju, s-socjeta` ntimata kienet disposta li thallas ukoll ir-rimanenti granet tal-leave, u kif ukoll il-bonus statutorju pro-rata.

Wara li kien hemm delungar da part tar-rikorrenti, biex tirrispondi ghal dak propost mis-socjeta` ntimata, r-rikorrenti pproponiet li tithallas erba' xhur paga flok xahrejn, u li d-data ta' terminazzjoni tkun dik tal-31 ta' Marzu 2020 sabiex l-istess rikorrenti tkun intitolata ghall-beneficcji li hareg il-Gvern ghall-impjegati minhabba l-pandemija tal-COVID19. In oltre, l-ftehim ma jibqax jissejjah *Mutual Termination Agreement (MTA)* izda, *Termination of Employment Agreement*, u dan sabiex ir-rikorrenti tkun elegibbli ghal dawn il-benficcji msemmija.

[8] Ibid, pagna 5.

It-Tribunal f'dan ir-rigward iqis li mill-provi prodotti jidher car li z-zewg partijiet kienu disposti li jaslu ghall-soluzzjoni amikevoli bejniethom. Kien propju meta kien maghruf li l-Gvern kien se jaghti l-beneficcji minhabba l-pandemija tal-COVID 19 li r-rikorrenti bidlet il-pjanijiet taghha u riedet li s-socjeta` ntimata tagevolaha sabiex tiehu dawn il-beneficcji.

Fin-nota ta' sottomisjonijiet tar-rikorrenti hemm sottomess kemm ir-rikorrenti kienet impjegata ezemplari u dan billi kienet rebhet l-unur, ghal-tlett darbiet, bhala l-impjegata tax-xahar. In oltre, matul il-perjodu tal-impjieg taghha r-rikorrenti qatt ma kienet irceviet xi twissija formali jew imwissija bi tkeccija potenzjali.

In oltre, ssostni r-rikorrenti fin-nota taghhha, meta kien gie deciz li s-socjeta` ntimata tittermina l-impjieg taghha, u dan siegha qabel ma r-rikorrenti kienet se tmur ghall-btala taghha, kienet imsejjha b'mod immedjat sabiex tattendi laqgha ma' ED u kif ukoll, ma' CD. Dan sar minghajr ebda pre-avviz tar-ragunijiet ta' din il-laqgha. Matul din il-laqgha r-rikorrenti kellha l-impjieg taghha tterminat. Dan kollu sar minghajr ma r-rikorrenti nghatat mezzi sabiex ikollha l-opportunita` li tiddefendi ruhha mill-allegazzjonjiet li tressqu fil-konfront taghha. In oltre, sostniet ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha, dan l-agir da parti tas-socjeta` ntimata kien imur kontra klawsola numru 15.1 tal-kuntratt tal-impjieg taghha, u li kienet tikkoncerna l-proceduri dixxiplinari[9].

Fl-istess nota r-rikorrenti tissottometti li s-socjeta` ntimata kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji kbar, u ghalhekk kienet qieghda tara kif taqta' mill-ispejjez li kellha.

Illi f'dan ir-rigward dan it-Tribunal iqis li meta s-socjeta` ntimata kienet zammet din il-laqgha mar-rikorrenti, ossia l-impjegata, din kellha kull dritt li tkun taf dwar fuq xhiex kienet se tkun tittratta din il-laqgha, la din il-laqgha kienet tikkoncerna l-operat taghha. It-Tribunal Industrijali f'dawn ic-cirkostanzi, bhala regola generali, ma jintervjeniex sakemm ir-rimedju jkun minuri. Jintervjeni biss meta l-proceduri ta' dixxiplina jkunu ppregudikaw lil dak l-impjegat/a.

F'dan ir-rigward l-awtur Norman Selwyn jsostni: -

> 12.23 As a general rule it is not appropriate that the courts intervene to remedy minor irregularities in the course of disciplinary proceedings between the employer and the employee – its role is not the 'micro-management' of such proceedings: *Kulkarni v Milton Keynes Hospital NHS Foundation Trust* (paras 12.28 and 12.30). Such intervention would produce unnecessary delay and expense, but in the case of *Chhabra v West London Mental Health NHS Trust* the irregularities were more of a series nature[10].

---

[9] Nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 2.
[10] Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 12.23, p. 361.

Illi l-istess kuntratt ta’ mpjieg tar-rikorrenti wkoll jiddisponi ghal dawn l-istanti, ossia ta’ proceduri dixxiplinarji. It-Tribunal dwar dawn l-istanti jaqbel mar-rikorrenti li l-gurispurdneza nostrana dejjem kienet kostanti f’dak li jikkoncerna d-dritt li mpjegat/a jkollu/jkollha d-dritt li jiddefendi/tiddefendi ruhu/ruhha fil-proceduri ta’ dixxiplina.

In oltre, t-Tribunal jinnota wkoll li l-istess rikorrenti wkoll ghamlet perjodu, li ghalkemm qasir, minghajr ma ghamlet l-ebda kuntatt mas-socjeta` ntimata, u li sussegwentement talbet erba’ xhur salarju u kif ukoll bdil tal-ftehim li l-istess partijiet kienu qeghdin jiddiskutu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkonsidra li l-istess rikorrenti wkoll ippruvat, u dan jirrizulta mill-emails li hi stess baghtet lis-socjeta` ntimata, li tibbenfika mill-beneficcji moghtija mill-Gvern tal-COVID-19, meta c-cikostanzi kienu juru mod iehor.

Di piu’, t-Tribunal irid ukoll jikkonsidra li kull kaz skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, dik l-Onorabbli Qorti sostniet li:

> Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta’ fatt:
>
> i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta’ kondotta ħażina;
>
> ii. ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f’dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi[11].

Illi il-kompitu tat-Tribunal f’tali cirkostanzi hu dak li jevalwa l-provi li jkunu tressqu quddiemu matul il-proceduri ta’ dik il-kwistjoni ta’ xoghol, u min dak li jirrizulta minn dawn il-provi t-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzzjonjiet tieghu.

Ic-cirkostanzi partikolari ta’ din il-kwistjoni ta’ xoghol huma kontrastanti ghall-ahhar. Minn banda r-rikorrenti qieghda ssostni li t-terminazzjoni taghha hi ngusta, u dan stante lis-socjeta` ntimata naqset milli tosserva l-procedura ta’ dixxiplina. Mill-banda l-ohra, u dan min dak li hemm riportat fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata, r-rikorrenti riedet li tqarraq billi riedet li l-istess socjeta` ntimata tkun partecipi maghha sabiex tkun elegibbli ghall-beneficcji moghtija mill-Gvern Malti minhabba l-pandemija tal-COVID-19.

Cio nonostante, mix-xhieda tar-rikorrenti hareg car li fis-27 ta’ Frar 2020 kienet giet imsejjha sabiex tattendi laqgha, siegha qabel mar-rikorrenti kellha titilaq ghall-vakanza taghha. Din il-laqgha kienet ma’ ED li kien *Chief Operating Officer* (COO) u CD (CEO), liema laqgha saret permezz ta’ ZOOM, u li fiha giet infurmatha li s-sitwazzjoni kienet se tinbidel. Fl-istess laqgha r-rikorrenti giet offruta xahrejn salarju u kif ukoll xi beneficcji ohra bhal bonus u l-granet tal-leave li ma kienux ittiehdu. Xi ftit tal-minuti wara li ntemmet din il-laqgha ED kien mar fuq ir-rikorrenti fejn talabha

[11] Qorti tal-Appell (Inferjuri) Appell Nru:29/2015, per Onor. Mhallef Anthony Ellul, 28 ta’ April 2017, fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited.

li tirritorna l-*lap top* taghha, u biex ma tidholx aktar ghax-xoghol. In oltre, r-rikorrenti kienet eskortata sal-parkegg tal-karozzi, xi haga li kienet umiljanti ghar-rikorrenti.

Di piu' mill-istess xhieda tar-rikorrenti rrizulta li hi damet minghajr impjieg ghal disa' xhur, u li kellha salarju ta' €38,000 fis-sena.

Illi minn dawn il-provi akkwiziti dan it-Tribunal jikkonkludi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet ingusta. Illi ghalhekk wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni wkoll tal-provi kollha mressqa quddiemu f'din il-kwistjoni ta' xoghol qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u cioe` jiddeciedi li t-tkeccija taghha mill-impjieg kienet ngusta u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjenti fil-ligi.

In oltre, t-Tribunal iqis ukoll nuqqas da parti tar-rikorrenti meta din damet ma ghamlet kuntatt mas-socjeta` ntimata u kif ukoll li ttentat li tibbenfika b'mod malizzjuz mill-beneficcji tal-COVID-19 li kien hareg il-Gvern f'dak il-perjodu. It-Tribunal se jiehu in konsiderazzjoni dan il-komportament tar-rikorrenti meta se jigi sabiex iqis il-*quantum* tal-kumpens.

L-imsemmi awtur, Norman Selwyn jaghti gwida cara lit-Tribunal kif ghandu jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens, u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra ghal dak it-tnaqqis mill-kumpens.

> 17.228 Where an employment tribunal finds that the dismissal was to any extent caused or contributed to by any action of the claimant, it shall reduce the amount of the compensa tory award by such proportion as it thinks just and equitable, having regard to that finding (ERA s 123 (6)). In Nelson v BBC (No2), the Court of Appeal stated that there are three matters which must be taken into account under this heading. First, the action of the employee must be culpable or blameworthy; second that the action must have caused or contributed towards the dismissal; and third, it must be just and equitable to reduce the compensatory award by the specified proportion. For example, in Scottish Co-operative Wholesale Society Ltd v Lloyd a dismissal was held to be unfair because no specific warning had been given to the claimant. But he failed to reply to complaints which had been made against him, failed to obey certain instructions and failed to achieve a modest sales target. All these factors were held to be conduct which contributed towards the dismissal and therefore grounds for reducing the compensatory award. A failure to follow works rule, using company property for private purposes, uncooperative conduct, failure to apologise for wrongful acts (eg swearing at a manager), failure to explain unauthorised absences, a refusal to give an explanation for certain conduct, failing to return work on time after holidays, and so on, have held to be grounds for reducing the compensatory award[12].

---

[12]Selwyn's Law of Employment 22nd Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2022) – par. 17.228, p. 474.

L-istess awtur jghid li ghandu jkun it-Tribunal li ghandu jiddetermina il-valutazzjoni tal-percentagg ta' dik il-kondotta kontributorja u li din hi kwistjoni ta' fatt.

> 17. 233 The assessment of the percentage reduction to be taken into account because of contributory conduct is essentially a question of fact, to be determined by the employment tribunal (Hollier v Plysu Ltd)[13].

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna wkoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[14].

**Decide**

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, t-Tribunal qieghed jilqa' t-talbiet hekk kif impostati fir-rikors promotur tar-rikorrenti, AB.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jordna lis-socjeta` ntimata, BC (C-76741), sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni thallas bhala kumpens lir-rikorrenti, AB, is-somma ta' mhux inqas mill-ekwivalenti ta' sitt xhur salarju, ossia l-ekwivalenti ta' dsatax-il elf Ewro (€19,000).

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[13] Ibid – para 17.233, p. 476.

[14] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.